MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-13 ta' Frar, 2013

Avviz Numru. 59/2011

**Thomas Engerer**
**vs**
**Eligio Vella**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrentipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-1 ta' Marzu, 2011 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' tlett elef, seba' mija u hamsin Ewro (€ 3,750) rapprezentanti danni ikkagunati mill-konvenut lill-attur fl-arlogg tal-attur nhar it-22 ta' Jannar, 2010 u dan kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv. Il-konvenut huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut Eligio Vella pprezentat fid-19 t'April, 2011 fejn eccepixxa:

1. *“Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif jigi pruvat waqt din il-kawza tenut kont li l-esponenti ma ikkaguna ebda danni lill-arlogg tal-attur rikorrenti.*
2. *Salvi risposti ulterjuri.*
3. *Illi huwa ma ghandux ibaghti spejjez.”*

Semghet ix-xhieda tal-attur **Thomas Engerer** ta’ nhar l-24 ta’ Mejju, 2011 fejn qal li huwa jokkupa l-kariga ta’ *senior software engineer* mas-socjeta’ li tinsab Palm Street, Paola. Din il-kumpanija taqsam l-bini flimkien mal-konvenut Eligio Vella li ghandu showroom fil-pjan terran filwaqt li r-rikorrent ghandu l-ewwel u t-tieni sular.

Ir-rikorrent qal li qabel it-tnejn u ghoxrin (22) ta’ Jannar ta’ l-elfejn u ghaxra (2010), huwa kien jipparkja fl-*external parking* li huwa fl-istess livell tax-showroom okkupat minn Eligio Vella. Huwa tenna li l-parking huwa ghalihom, ghall-klijenti taghhom u dawk ta’ Eligio Vella.

Dakinhar huwa kien dahal ghax-xoghol normali u meta kien ser jitlaq lejn id-dar, huwa sab il-bieba tax-xufier tieghu u l-mera miksura. Huwa ma kienx ra min effettivament ghamillu din il-hsara. Peress li huma fl-istess livell, hu dahal fix-showroom tal-Puma okkupata mill-konvenut u staqsa jekk kienx hemm xi hadd li ra dak li kien gara. Hemm kien hemm il-konvenut stess, u r-rikorrent staqsieh jekk kellux CCTV *footage* biex ikun jista’ jara ezattament x’kien gara fil-parking. Hu qallu li ma kienx hemm *footage*, li ma semghu xejn u li ma jaf b’xejn b’dak li kien gara.

Huwa ghalhekk rega’ hareg u mar lura fil-karozza biex imur lura lejn id-dar. Huwa sostna li x’hin irriversja barra mill-parking, hu sab li kien hemm bicca mill-karozza li effettivament kienet laqtitu. Huwa mar jaghmel rapport lill-pulizija ta’ Rahal Gdid. Ikkonferma li fit-tnejn u ghoxrin (22) ta’ Jannar huwa kien qieghed fil-*groundfloor* li hija *common area* ghalihom u waqt li kien diehel fis-side door tieghu l-konvenut staqsieh jekk huwa kienx sab min effettivament kien habat go fih. Huwa wiegbu li kien

ghadu ma jafx min dahal go fih, u gharrfu li kien ghamel rapport lill-pulizija. Hawnhekk il-konvenut kien wiegbu “X’tahseb li se taghmel il-pulizija? X’tip ta’ evidenza jista’ jkollkom.” Qallu wkoll li minghalih li jghix barra minn Malta li l-pulizija jimxu l-istess. Il-konvenut kien beda jirvilla u qallu li kien antipatku kif del resto qallu li jghidu hekk dwaru l-kollegi tieghu. Spjega li ra l-konvenut jippoppa sidru u ghalhekk resaq lura u fil-pront wasal il-lift. Huwa dahal fil-lift biex jitla’ fuq imma qabel ma ghalqu l-bibien tal-lift, is-Sur Vella zamm il-bibien tal-lift, u tah daqqa f’ghajnejh, fuq il-kustilji u sabbtu mal-lift u tah daqqa sew. Huwa spjega li kull ma seta’ jaghmel kien li jghatti wiccu biex ma jibqax jaqla’. Meta s-Sur Vella ra li l-attur ma ghamel l-ebda reazzjoni, dan qabad u carratlu l-arlogg li kellu f’idejh u tefghu mal-art, u l-affarijiet li kellu f’idejh (wallet, cwievet u hekk) tefaghhomlu wkoll mal-art u beda jaghti bis-sieq lil dawn l-oggetti. L-arlogg tal-attur huwa Bvlgari Capua gold u hu *Limited Edition*. L-attur qal li fil-lift mieghu kien hemm kollega tieghu li ghadha kif kellha tarbija u kienet lesta li taghmel affidavit.

Is-Sur Engerer qal li huwa mar biex jaghmel rapport u r-*receptionist* tieghu qaltlu biex imur jara tabib. Effettivament huwa kien mar il-poliklinika ta’ Rahal Gdid u mar jaghmel rapport iehor l-ghassa. Huwa tenna li hargu *criminal charges* kontra l-konvenut. Ikkonferma li l-arlogg kien rigal tal-mara tieghu u li biex takkwista dan l-arlogg, kellek tkun VIP *customer* tal-Bvlgari. Dan ma kienx *retail watch* jigifieri ma setax jinxtara minn hanut semplici tal-Bulgari u gie offrut biss lil min kellu relazzjoni tajba mal-Bulgari. Huwa kien jghix barra u l- genituri tal-mara kienu jghixu u jahdmu barra wkoll. Il-mara tieghu giet offruta dan l-arlogg minn Bond Street ta’ Bulgari. Hu sostna li peress li dan l-arlogg mhuwiex *retail*, lanqas ma seta jissewwa hawn Malta imma go Bond Street stess.

L-attur esebixxa hames ritratti li jindikaw l-arlogg in kwistjoni. Dawn gew immarkati bhala dokumenti “CSH” komplessivament. Esebixxa wkoll stima mahruga minn Daniel Azzopardi li giet immarkata bhala dokument “CSH 1” li tindika l-hsarat f’dan l-arlogg li ammontaw ghal tlett elef, seba’ mija u hamsin Ewro (€ 3,750), rapprezentanti

elf Ewro (€ 1,000) biex jirranga c-cinga ta' dan l-arlogg u l-*outer case* li huwa *carbon fibre* u dan ma jinkludix l-insurance. Il-valur ta' dan l-arlogg hu ta' hamest elef Ewro (€5,000). Dan huwa *collector's item* u ma jistax jinstab, u ghalhekk qal li tilef hamsa u sebghin fil-mija (75%) tal-valur tieghu u huwa kkalkula d-danni li sofra kienu ta' tlett elef, seba' mija u hamsin skond l-istima esebita.

Is-Sur Engerer qal li huwa kien baghat ittra lill-konvenut bl-ammont indikat fl-istima qabel ma beda' l-kawza. Pero' l-konvenut infurmah li kien qed jichad kull allegazzjoni maghmula mir-rikorrent.

In kontro-ezami fil-15 ta' Frar 2012 **Thomas Engerer** kompla jixhed fejn ikkonferma illi l-incident in kwistjoni gara fit-22 ta' Jannar 2010 meta kien gie agredit. Kien qed jistenna l-lift fl-indana u l-konvenut attakkah. Qal li mhux minnu li l-incident sehh fil-lift izda kien prova jidhol fil-lift u mhux minnu li Alex mar biex iferraqhom u ddikjara li qabel l-incident qatt ma kien rah jew kellmu. L-arlogg tqaccat u huwa jwahhal fil-konvenut ghall-kagun ta' dan. Jaf b'certezza li kien hemm il-familjari tas-sur Vella prezenti. Qal li m'huwiex klijent VIP ta' Bulgari izda l-mara tieghu hi. Tenna li l-arlogg inxtara minn Bond Street, Londra. L-arlogg ghadu ma ssewwiex.

Rat l-affidavit ta' **Michela Bianco** pprezentat fit-22 ta' Settembru, 2011 fejn qalet li hi zzomm l-pozizzjoni ta' inginier tas-software mal-kumpanija CCBill EU Ltd ("CCBill") u li ilha tokkupa dan ir-rwol minn Gunju ta' l-elfejn u sitta (2006). Hija kkonfermat li fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Jannar tal-elfejn u ghaxra (2010) madwar 09:30a.m, hija pparkjat il-karozza taghha fil-garaxx allokat ghall-impjegati ta' CCBill, li jinsab fis-CCBuildings, Triq il-Palma, Paola. Qalet li l-bini kien moqdi minn lift li jghaqqad il-garaxxijiet mal-ufficcji. Hekk kif kienet tiela' bil-lift mill-garaxx sal-ufficcju, il-lift kien waqaf fil-pjan terran u malli nfethu l-bibien rat lill-kollega taghha l-attur barra l-lift. Hija stqarret li kif l-attur dahal fil-lift, hi ndunat li kien hemm il-konvenut jigri warajh lejn il-lift. Is-Sur Vella qabez fuq is-Sur Engerer u beda jaghtih bil-ponn u jinsultah u uza kliem ghoxxen. Hija sostniet li l-konvenut ta lill-attur

diversi daqqiet ta’ ponn u tefghu min-naha ghall-ohra tal-lift u l-attur tella’ jdejh quddiem wiccu biex jiddefendi ruhu mid-daqqiet li kien qed jircievi. Malli s-Sur Engerer zamm idejh quddiem wiccu, l-attur qaccat l-arlogg minn fuq il-polz tal-attur u tefghu mal-art. Hija qalet li hi kienet fi stat ta’ xokk tant li bdiet twerzaq u talbet lis-Sur Vella biex jieqaf u jhalli lis-Sur Engerer. Wara ftit il-konvenut dar biex johrog mil-lift. Meta l-attur induna li l-konvenut hareg u mexa ‘l boghod mil-lift, huwa hareg il-barra mil-lift biex jigbor l-arlogg, il-kartiera u c-cwievet tieghu li kienu mal-art. Hija kompliet billi spjegat li zammet il-lift miftuh sakemm l-atur gabar l-affarijiet tieghu u wara telghu lejn l-ufficju taghhom flimkien.

**Michela Bianco** xehdet nhar il-15 ta’ Frar 2012 u spjegat li tahdem mal-attur. Tiftakar li darba minnhom kienet fil-lift meta inqala’ l-incident in kwistjoni. Il-lift huwa wiehed zghir, jesa’ tlieta jew erba’ persuni. Mistoqsija kemm kienu nies fil-lift meta inqala’ l-incident tghid li kienet wahedha. Kienu waqfu fil-pjan terran u kien ser jidhol l-attur. l-incident gara barra l-lift ghal-gol-lift. L-incident sehh barra l-lift, fuq l-indana. Rat l-incident minn gewwa l-lift. Il-lift baqa’ miftuh ghax bdiet izommu kien miftuh. Mistoqsi jekk ratx lil xi hadd iehor apparti il-kontentendi ta’ din il-kawza wiegbetli le ma ratx. Mistoqsija jekk tafx lil Alex Agius tenniet li ma tafux. Spjegat illi waqt il-glieda rat l-arlogg jaqa’ minn id l-attur. Spjegat ahjar li rat il-kontendenti jiggieldu u rat l-arlogg itir. Rathom jiggieldu biss. Jekk kitbet fl-affidavit li rat lill-konvenut iqaccat l-arlogg tal-attur sinjal li kien hekk. Illum il-gurnata ghaddew sentejn u taf b’certezza li l-arlogg ratu mal-art. L-affidavit kitbitu hi, u iddikjarat li kien xi gimgha jew gimghtejn wara l-incident. Mistoqsija tiddiskrivi il-moviment li ghamel il-konvenut qalet li ma tiftakarx illum il-gurnata. Mistoqsija jekk ratx xi affarijiet ohra mal-art wiegbet li jekk mhux sejra zball rat xi wallet, taf pero’ li s-sur Engerer hareg minn gol-lift biex jigborhom. Qalet ukoll li rat lis-sur Vella jaghti daqqa ta’ ponn lil Thomas Engerer u jitfghu ghal gol-lift, is-sur Vella pero’ baqa’ barra mil-lift, u sur Engerer dahal gol-lift. Ma ratx lis-sur Engerer jaghmel reazzjoni, ratu biss jigbor l-affarijiet u jidhol gol-lift. Mistoqsija jekk is-sur Engerer qallhiex xi haga dwar l-arlogg meta dahal gol-lift qalet li

semghatu jgerger u ratu jqieghed l-arlogg f'idejh. Qallha li l-arlogg inkiser pero' ma tatx kas ghax kienet ippanikjata. Mistoqsija jekk qalliex li effettivament kien il-pin li inkiser wiegbet li le dawn id-dettalji ma tiftakarhomx. Fl-ebda hin ma rat lis-sur Vella isabbat dan l-arlogg jew jaghmel xi moviment fuqu. Il-kumpanija hija ta' CCBill u hija impjegata kif inhu l-attur. Taf li pero' is-sur Vella refa' idejh fuq Engerer.

Rat illi nhar it-22 ta' Settembru 2011 xehdet **Sarah Engerer** u stqarret li tigi mart l-attur Thomas Engerer. Ikkonfermat li l-arlogg li r-ritratt tieghu jinsab inserit fl-atti fol. 13 mmarkat bhala dokument 'CSH' huwa arlogg tal-ghamla Bulgari. Hija kienet xtrat dan l-arlogg ghar-ragel taghha fi zmien meta taghrsu. Hija qalet li kienet xtratu minn Bond Street, Londra minn hanut Bulgari. Dan l-arlogg huwa fil-fatt *limited edition* u fid-dinja hawn 999 arlogg bhalu li jinsabu f'sebgha u ghoxrin belt. Hija sostniet li hemm *white gold, pink gold* u *yellow gold edition* u taghha huwa *white gold edition*. Spjegat illi l-familja taghha ghandha relazzjoni ma' Bulgari ghax kienu jixtru diversi oggetti minn ghandhom u fil-fatt qalet li dan mhux arlogg li gie offrut lilhom retail. Jekk mhix sejra zball, kienet hallset is-somma ta' 5,000 liri sterlina ghalih. Dan l-arlogg illum jinsab id-dar. Ghandu c-cinga mqaccta, fuq il-wicc ta' l-arlogg hemm carbon gold imkisser, hgieg mibrux u peress li huwa imqaccat ma jinghalaqx. Qalet ukoll li hi ma kinitx prezenti ghall-incident.

Rat illi nhar il-15 ta' Novembru 2011 xehed **Daniel Azzopardi** u stqarr li huwa ghandu hanut gewwa San Giljan u fost l-affarijiet li jbiegh hemm ghandu gojellerija, arloggi u affarijiet tal-fidda. Huwa kkonferma li s-sur Engerer kien avvicinah u kien hadlu arlogg li kellu xi problemi fosthom il-*casing* kien imkisser u kien hariglu dokument fejn iddeskriva l-qaghda ta' l-arlogg. Dan id-dokument huwa esebit fl-atti datat 3 ta' Settembru 2010 markat bhala dokument CSH 1 at fol 19 u fuqu huwa gharaf il-firma tieghu u kkonferma l-kontenut tieghu.

Fil-15 ta' Frar 2012, **Daniel Azzopardi** kompla jixhed fejn qal li hu jispecjalizza fuq time pieces in generali fosthom

dawk ta' Bvlgari. Huwa ma jafx ezattament meta s-sur Engerer kien mar ghandu u lestielu r-rapport, pero' jaf li kellu jaghmel kuntatt mal-agent minn barra ghaliex jaf ukoll li mit-tali mudell kien hemm biss 9,999 minnhom u dawn gew allokati f'pajjizi differenti. Tenna li huwa minnu li trid tkun klijent VIP Bulgari biex ikollok wiehed minn dawn l-arloggi, izda ma kienx jaf jekk is-sur Engerer kienx klijent VIP Bulgari jew minn fejn kien xtrah. Qal li ma saret l-ebda referenza ghal insurance policy.Gie muri ritratt mmarkat bhala Dok CSH u kkonferma li dak huwa l-arlogg li huwa ezamina u kien fil-kundizzjoni li jidher fir-ritratt, u cioe' bic-cinga mqaccta, pero' ma jafx kif gara l-incident u kemm kienet ilha maqtugha c-cinga. Iddikjara li fil-kundizzjoni tieghu ma ghandu l-ebda valur, izda jista' jissewwa.

Rat illi nhar il-15 ta' Novembru, 2011 xehdet ukoll **is-Supretendent Sharon Tanti** u esebiet kopja ta' okkorrenza dwar indicent li sehh fit 22 ta' Jannar 2010 liema rapport kien sar minn Thomas Engerer fejn kien irraporta li huwa kien gie aggredit minn Eligio Vella, liema okkorrenza giet immarkata bhala dokument ST. Spjegat illi in segwitu kienu nhargu akkuzi fil-konfront ta' Eligio Vella u Thomas Engerer. Esebiet kopja ta' dawn il-komparixxi li gew immarkati bhala Dok ST1 u ST2. Dawn huma awtentikati minnu u qalet li fil-genb tal-komparixxi hemm id-decide tal-Qorti**.**

Rat illi nhar il-15 ta' Novembru 2011 xehdet ukoll **Dr. Elizabeth Quintano** qua Assistent Registratur tal-Qorti u esebiet kopji legali ta' zewg sentenzi moghtija mill-Qrati tal-Magistrati fil-konfront ta' Thomas Engerer u Eligio Vella u dawn gew immarkati bhala Dok LQ 1 u LQ 2.

Rat id-digriet taghha tat-28 ta' Marzu 2012 fejn innominat lill-Espert Sandro Azzopardi bhala Espert Tekniku sabeix jezamina l-arlogg Bulgari esebit f'dawn l-atti u jirrelata dwar l-istess.

**Sandro Azzopardi** xehed fil-5 ta' Lulju 2012 fejn iddikjara li huwa kien gie nominat minn din il-qorti b'digriet taghha sabiex jezamina arlogg tal-ghamla Bulgari esebiet f'dawn

l-atti. Huwa qal li qeda’ l-inkarigu moghti lilu u esebixxa r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dokument SA.

Huwa kkonkluda li bhala stima dan l-arlogg kien jinbiegh bejn wiehed u iehor seba’ mija, u tmien mija u ghoxrin lira Sterlina. Dan l-arlogg m’ghadux in production, il-mudell il-gdid jinbiegh elf, mija u sebghin lira Sterlina, u jekk wiehed jipprova jffittex replacement ta’ arlogg bhal dan izda wiehed originali naturalment gdid, kaxxa u dokumentazzjoni ukoll il-prezz ivarja minn elf u erba’ mitt Ewro ghal elf u seba’ mitt Ewro.

Mistoqsi mill-Qorti jekk il-hsarat li hemm f-dan l-arlogg jitrangawx qal iva dawn jitrangaw. Il-*case* tieghu jkollu jigi mibdul u l-istima hija bejn erba’ mija u erba’ mija u hamsin. Is-soltu meta jitqaccat cinga minn fuq arlogg bhal dan in kwestjoni, is-soltu jinqala’ il-pin tieghu, pero’ r-raguni ghaliex dan tqaccat u minn fejn tqaccat kien rizultat ta’ wear and tear tac-cinga li aktarx kellha bzonn tinbidel. Per ezempju, bhal meta karozza jkollha tyre bil-buzzieqa u mal-impatt naturalment it-tyre jispara.

Huwa esebixxa wkoll quotes tal-istess mudell bhal arlogg replacement kif ukoll korrespondenza minghand il-general manager ta’ Bulgari gewwa Londra, fejn huwa nghata kemm il-prezz tal-mudell in kwistjoni kif ukoll dak gdid.
Rat ir-rapport ta’ l-espert tekniku **Sandro Azzopardi** li gie esebit nhar l-4 ta’ Gunju 2012. Minn ezami ta’ dan ir-rapport l-espert ikkonkluda s-segwenti:

*1. “Il-valur ta’ l-istess mudell ta’ arlogg gdid ta’ Bulgari illum jinbiegh £820 (Eur 1,025) mill-istess hanut ta’ Bond Street Londra.*
*2. Il-hsarat li ghandu l-arlogg li gie pprezentat lilu huma li ghandu bzonn jinbidel il-‘case’ (hsara fuq il-‘lug’ ta’ fuq tal-lemin), u kif ukoll ic-cinga tal-gilda (maqtughha).*
*3. L-istima ghal hsarat li ghandu dan l-istess arlogg hija ta’ bejn £400 (Eur500) u £480 (Eur600) li hija stima ta’ Bulgari gewwa Londra.*
*4. Fl-opinjoni tieghu, huwa kagun illi c-cinga tal-gilda ma kienx gie mibdul meta diga kellu hafna ‘wear and tear’ probabbli ferm qabel l-incident kien sehh. Li kieku kien*

*gdid, kien jigi maqtugh mil-'pin' li jzomm ic-cinga ma l-arlogg jew il-bokla u mhux mill-post minn fejn gie maqtugh. Ghaldaqstant, ic-cinga kienet ser tinqata' kwalunkwa hin anke bl-icken skoss."*

**Sandro Azzopardi** xehed in eskussjoni fil-21 ta' Novembru 2012 fejn ikkonferma li mill-konkluzjonijiet tieghu rrizulta li l-arlogg li ezamina kien wieqaf, il-gilda tieghu kienet maqtugha, u l-*case* ta' l-istess arlogg kien imkisser. Huwa minnu wkoll li kkonkluda li c-cinga seta' gralha li gralha minhabba kwistjoni ta' *wear and tear*. Mistoqsi jekk jeskludix il-fatt li setat intuzat forza barranija fuq dan l-istrap biex tqacctet wiegeb illi hu kien uza l-ezempju ta' karozza li jkollha buzzieqa fit-tyre u una volta tmiss ma' bankina din tispara.  Il-hsara li kien hemm fil-case huwa compatibnli ma' waqa' pero' hu ma kienx ezamina dan l-arlogg qabel u allura ma setax jghid kif kien l-arlogg qabel dan l-allegat incident.

Huwa spjega li l-hsara tinsab f'dik il-parti ftit 'il fuq mill-'lugs', li huma z-zewg partijiet ta' fuq li jzommu l-istrap mal-arlogg. Ix-xhud ikkonferma li l-arlogg in kwistjoni kellu xi mpatt u ma jistax jikkonferma jekk din il-hsara gratx meta dan l-arlogg kien involut f'dan l-incident in kwistjoni jew jekk hux antecedenti. Il-hsara tista' tkun kemm b'waqgha, kif ukoll rifsa jew daqqa ta' gebla minn xi hadd. Pero' ma tistax tkun kwistjoni ta' *wear and tear*. Bhal kwalsiasi haga ohra meta haga tkun edizzjoni limitata jkollha pregju ahjar u hu ta l-figura ezatta rigwardanti arlogg Bulgari.

Ix-xhud ikkonferma li sabiex tissewwa l-hsara l-ispiza tammonta bejn hames mija u sitt mitt Ewro. Una volta l-arlogg jissewwa l-pregju tieghu ma jkunx imnaqqas. Ix-xhud gie muri dokument 19 esebit fl-atti, u qal li jaf lil din il-persuna ghax tigi minnu mill-boghod, pero' mhux l-agent tal-Bulgari hawn Malta. Huwa ddikjara li din il-persuna ma ghandha x'taqsam xejn mal-Bulgari.
Huwa spjega li hemm firma ta' *salesgirl* Lydia Tabone li kienet tahdem max-xhud hawn Malta fil-garanzija minn fejn nxtara dan l-arlogg jigifieri minn Bond Street. Ix-xhud kien iccekja maghha kemm kien inxtara dan l-arlogg.

Mistoqsi jekk kienx rah dan ir-rapport qabel ma ghamel il-konkuzjoni tieghu, wiegeb li kien rah.

Rigward is-somma li semma fix-xhieda tieghu, bejn hames mija u sitt mitt Ewro dwar id-danni, din tinkludi wkoll il-mano d'opera. Huwa cert dwar dan u ma jaqbilx mas-somma, msemmija minn dan ix-xhud kif hemm miktub fic-certifikat rilaxxat minnu. Huwa ma jaqbilx li jekk una volta dan l-arlogg jigi msewwi, il-valur tieghu ser jonqoslu, u anke l-valur imsemmi minn dan l-espert ta' 3,750 ma jirrispettax il-valur ta' dan l-arlogg. Il-valur reali tieghu huwa inqas minn hekk.

Rat l-affidavit tal-konvenut **Eligio Vella** li gie pprezentat fit-22 ta' Awwissu 2012 fejn iddikjara li huwa jaf lill-attur ghax Thomas Engerer kien jipparkja l-karozza tieghu fil-parking tax-showroom li qieghed Palm Street, Paola. Din ix-showroom hija tal-business li ghandha l-familja tieghu. Huwa spjega li l-attur jahdem fl-ufficcju ta' fuq ix-showroom taghhom.

Il-konvenut spjega li dan il-parking huwa principarjament tal-business taghhom u l-kumpanija li jahdem maghha Thomas Engerer ghandha biss permess ta' ghaxar postijiet ghall-parkegg. Huwa stqarr illi qatt ma kien jimpika ma' dawn l-impjegati, anzi waqt il-break joqghodu jitkellmu flimkien u ghandhom relazzjoni tajba flimkien tant li jgawdu minn skema ta' skontijiet mal-kumpanija tal-konvenut.

Huwa stqarr illi darba meta kien il-hanut ma' ommu u t-tifla li kienet tqila, l-attur qallu illi xi hadd kien laqatlu l-karozza u staqsieh kienux jafu min kien laqatielu u jekk kellhomx CCTV. Dak iz-zmien huma ma kellhomx CCTV. Dakinhar l-attur kien ipparkjat hazin ghax kien ipparkjat ma' hajt li mhux suppost tipparkja mieghu. Il-konvenut kien spjegalu li m'hemmx CCTV u ma jafx min laqathielu. Sussegwentement l-attur beda jghid kontra Malta, li ma hawn xejn u li l-pulizija tac-cajt u ma jaghmlux xoghlhom tajjeb. Ghal dan il-konvenut staqsieh "*Ghalfejn tghix Malta jekk daqshekk imdejjaq?*"

Ftit taz-zmien wara ltaqghu fl-entrata tal-komun u l-konvenut staqsieh kif kien baqa' fuq il-karozza. Dak il-hin kien hemm prezenti Alex Agius u Nigel Sciberras li kienu impjegati tieghu. L-attur beda jkellmu pastaz u wara gie l-lift u tahom daru biex jidhol fil-lift. Hawn staqsieh ghalfejn kellmu pastaz. Minn fejn il-lift ghall-entratura taghhom anqas kien hemm hames metri boghod. Dak il-hin imbaghad bhal imbuttaw lil xulxin, izda Alex Agius mill-ewwel firidhom u ferraqhom.  Huwa sostna li kien sorpriz bl-affidavit ta' Michela Bianco ghax mhux minnu li beda jhabbtu 'l hemm u 'l hawn. Dan ghax kien hemm mara prezenti fil-lift, il-lift kien zghir u ghax hu mhuwiex ragel tal-glied.

Huwa kompla jispjega li fix-xhieda ta' Michela Bianco hemm illi hi rat lil Engerer iqieghed l-arlogg f'idejh u ma ratx lill-konvenut isabbat dan l-arlogg. Din il-verzjoni hi differenti hafna minn dak li xehdet fl-affidavit u hu aktar qrib ta' dak li gara.

Wara li kien gara dak li gara huwa jiftakar li l-attur kien gabar l-arlogg mill-art. Huwa ra r-ritratti li hemm esebiti fil-file tal-Qorti pero' ma setax jaghraf jekk l-arlogg li saret il-kawza fuqu kienx l-istess li kien hemm mal-art. Pero' nsista li ma kienx hemm bicciet kif jidher mir-ritratti jigru mal-art. Huwa sostna li fl-ebda hin ma misslu l-arlogg jew idejh.

Vella stqarr illi l-attur fih ragel u ghalhekk ma kienx jiflah jaghmillu dak li ntqal li ghamillu. Huwa ddikjara li ma kellux l-intenzjoni li jaggredih jew li jaghmillu xi hsara. Huwa jiftakar li dakinhar ta' l-incident kienu gew ikellmuh il-pulizija ghax kien ghamillu rapport. Il-pulizija qalulu li kien mar il-polyclinic u gab certifikat. L-attur kien mexxa bil-kriminal kontrieh izda huwa  hareg liberat.

Ic-certifikat mediku li pprezenta l-attur jghid illi kellu xi nefha fuq ghajnejh u fuq ix-xoffa. Il-konvenut iddikjara li kieku tah id-daqqiet huwa kien jispicca bit-tbengil u *black eye* u mhux kif qal hu. Huwa cahad illi zamm il-bieb tal-lift. Fil-fatt Michela fix-xhieda taghha stqarret illi kienet hi li zammitu miftuh u mhux kif jinghad fl-affidavits. Vella qal

ukoll illi mhux minnu li l-attur beda jghatti wiccu biex ma jibqax jaqla.

Huwa stqarr illi meta kienu quddiem il-Magistrat Mizzi, Engerer kien qallu li c-cinga ta' l-arlogg hija maghmula mit-tyres tal-formula one u ghalhekk ma jistax jifhem kif l-arlogg gralu hekk meta hu qas biss missu l-arlogg.

**Eligio Vella** rega' xehed din id-darba in kontro-ezami fit-23 ta' Jannar 2013 fejn rega iddikjara li l-entratura ghal hanut taghhom hija sekondarja. L-incident sehh fl-entrata in komun li jintuza' kemm minnhom kif ukoll mill-ufficini fejn jahdem Thomas Engerer. Huwa spjega li l-incident gara billi huwa kien ghaddej minn hdejn is-sur Engerer u qallu bongu, u qallu 'kif bqajt fuq dak il-kaz?'. Dak il-hin Thomas Engerer dar fuqu u qallu, 'jimporta ma tkellimnix', u beda jkellmu hazin. Huwa ghalhekk mar hdejh, biex jara ghaliex effettivament kellmu hazin u mbaghad qisu bdew jargumentaw u resqu hdejn xulxin, mar mill-ewwel Alex u ferraqhom. Il-konvenut spjega li l-lift minn fejn kien ser jidhol Thomas Engerer ghal bieb minn fejn tidhol ghal hanut tal-konvenut hemm boghod xi seba' madumiet biss.

Mistoqsi mill-Qorti jghid x'kaz kellu dan Thomas Engerer, wiegeb li huwa kien ipparkja l-vettura tieghu hazin fil-parking li ghandhom in komuni u kien dahal il-hanut qabad jghajjat, jghajjat ma' ommu, ohtu u ma' bintu li kienet pregnant ghal xejn u jwahhal fihom u beda jghajjar lill-pajjizu, u cioe' lil Malta u l-konvenut qallu li huma ma ghandhomx tort, ghax fil-hanut ghandhom cameras kemm trid, pero' barra fil-parking ma ghandhom l-ebda camera. Il-konvenut stqarr li huwa ghandu access biex juza' l-parking taghhom, pero' ma jafx ezattament kif baqa' mbaghad. Il-konvenut hass li kellu jistaqsih peress li l-incident sehh fil-parking taghhom. Ghalhekk biss u ghall-ebda raguni ohra.

Huwa kkonferma li huwa mar ikellem lis-sur Engerer, u mar ikellmu wara li s-sur Engerer beda jkellmu hazin. Il-konvenut sostna li bil-kemm kienu messew lil xulxin, forsi mbuttaw lil xulxin ghax Alex indahal minnufih. L-attur kien sejjer ghall-ufficcju tieghu u ghalhekk kien ghafas il-lift, u l-

konvenut kien sejjer ghal hanut tieghu. Michaela Bianco verament kienet prezenti, u Michaela Bianco hija kollega ta’ Thomas Engerer. Mistoqsi kellux amment li dak il-hin Engerer kellu l-arlogg f’idejh qal li ma tax kaz. Huwa jaf pero’ li l-arlogg spicca mal-art ghax rah jigbor xi haga. Huwa sostna li ma gewx fl-idejn, fis-sens li mbuttaw lil xulxin biss, u l-konvenut rah jigbor xi haga minn mal-art wara li gew fl-idejn. Huwa ddikjara li fl-ebda hin ma qabdu minn l-arlogg jew minn idejh. Sa fejn jaf il-konvenut, huwa imbuttah minn sidru u zgur mhux minn idejh. Pero’ ma jistax jghid mija fil-mija jekk laqatlux idejh u lanqas ma jista jghid jekk kienx l-attur li laqatlu jdejh ghax kollox gara f’sekonda. Sussegwentament il-Pulizija kienu marru l-hanut, u qalulu li huwa kien mar il-polyclinic, pero’ xtaq jghid li dwiefer huwa ma ghandux, u l-attur ihobb jissawwat. Dakinhar stess marru l-Pulizija l-hanut tieghu u fil-fatt huwa baqa’ skantat ghax ma kienx jaf effettivament ghaliex kienu marru.

Rat l-affidavit ta’ **Alexander Agius** li gie pprezentat fit-22 ta’ Awwissu 2012 fejn iddikjara li huwa mpjegat mal-kumpanija li jmexxi Anthony Vella li jigi missier Eligio Vella u ilu mpjegat maghhom ghal sitt snin. Huwa jaf lill-konvenut bhala ragel kalm, kwiet u habrieki u dejjem jghinhom fix-xoghol.

Huwa spjega li dakinhar ta’ l-incident huwa kien flimkien mal-konvenut u kien hemm ukoll certu Nigel Sciberras li llum m’ghadux jahdem maghhom. Huma kienu dehlin mill-bieb tal-genb tal-*common entrance* u ghaddew minn hdejn l-attur. Il-konvenut kien staqsieh kif kien baqa’ fuq il-karozza. L-attur wiegbu lura billi qallu biex jaghmillu pjacir u ma jkellmux aktar u kellmu pastaz, peress li skond hu Eligio kien qieghed jghid li hu antipatiku ma’ shabu. Dak il-hin il-konvenut mar warajh u staqsieh ghalfejn kellmu hazin. Ix-xhud rahom f’xulxin u mar ferraqhom. Huwa sostna li ma kienx hemm hames metri minn fejn kien bilwieqfa sal-lift u allura din l-affari ma setghetx damet iktar minn hames sekondi.

Huwa cahad li l-arlogg carratulu l-konvenut jew li tah bil-ponn u li kellu xi jghid mieghu. Cahad ukoll li l-konvenut

sabbtu fil-lift minn naha ghall-ohra ghax kien hemm mara fil-lift u ma kienx hemm bizzejjed hin biex jigri dan. Lanqas ma hu minnu li l-konvenut tefalu c-cwievet u l-kartiera jew hadhomlu minn idejh. Ix-xhud jaf dan ghax kien prezenti barra l-lift. Huwa sostna li barra mil-lift ma missux lil xulxin. Tant kemm ma kinitx xi glieda li l-haddiem l-iehor ma ccaqlaqx minn fejn kien.

Ix-xhud iddikjara li l-attur qieghed jesagera u jivvinta fuq il-konvenut ghax Eligio Vella hu persuna li jmur tajjeb ma' kulhadd, anki mal-haddiema l-ohra li jahdmu mal-attur. Huwa ddikjara li fl-ebda hin ma ra lil Eligio Vella jmiss l-arlogg tal-attur jew jaghmel kuntatt mieghu.

**Alexander Agius** xehed in kontro-ezami fil-21 ta' Novembru 2012 fejn iddikjara li kien kiteb l-affidavit tieghu fil-prezenza tal-avukat tieghu. Mistoqsi jekk il-konvenut kienx prezenti qal li iva kien. Huwa kkonferma li jahdem mal-konvenut. Mistoqsi jekk huwiex minnu dak li qal fl-affidavit tieghu u cioe' dak li hemm fir-raba' paragrafu li Thomas Engerer kien pront u qallu biex jaghmillu pjacir u ma jkellmux aktar pastaz qal li hu kien prezenti u sema' dan id-diskors. Huwa spjega li una volta sar id-diskors, l-attur baqa' fejn kien, hdejn il-lift. L-attur kien tiela' fuq bil-lift u jmur fl-ufficcju tieghu.

Huwa ddikjara li ma qalx li gew fl-idejn Eligio u Thomas, hu jaf li bdew jimbuttaw lil xulxin. Fl-ebda hin ma taw bil-ponn, gew fl-idejn biss. Huwa stqarr illi kien qed isegwi lill-kollegi u ma kienx hemm daqqiet.  Gew fl-idejn u gew faccata ta' xulxin. Huwa fl-ebda hin ma ra lis-sur Engerer jgholli jdejh biex jevita xi daqqiet minnghand Eligio. Fil-lift verament kien hemm wahda mara, tfajla. Il-lift huwa wiehed zghir hafna. L-arlogg verament rah mal-art. Huwa ra li kellu c-cinga maqtugha, pero' jaf li kien f'bicca wahda dritt mal-art u spicca mal-art waqt l-imbuttar.

Semghet lill-avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kawza nhar it-30 ta' Jannar 2013.

Ikkunsidrat.

Skond is-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet '**<u>F. Advertising Limited (C27689) vs Tano Farrugia u martu Fiona Farrugia'</u>** deciza fit-30 ta' Novembru 2011, gie ritenut  illi t-tip ta' prova li jrid iressaq l-attur huma skond il-gurisprudenza konstanti li:

*"a. Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova tal-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza tal-attur (reus in excipiendo fit actor) (Vol. XLVI.i.5).*

*b. Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista' jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi tal-attur hija sostenuta' (Vol. XXXVII.i.577).*

*c. Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet.*

*Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew tal-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat;*

*d. Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kap. 12 li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza.*

*Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r-razzjonalita, kif ukoll koerenti mal-elementi utilizzati allura skont gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' revizjoni"* ("**Joseph Tonna vs Philip Azzopardi**" – A.I.C. (PS) -12 t'April, 2007; "**Ramchand Kilumal noe vs Jessie Blanco** – A.C. -30 ta' Gunju 1912 (Vol. XXIV/i/104).

Dan il-kaz hu bazat fuq apprezzament tal-provi u*"mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' l-"in dubio pro reo". Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soggett ghal l-izbalji tal-percezzjonijiet tieghu u ghall-passjoni, huma haga li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti ghaliha … … . Meta l-kaz ikun hekk, il-Qorti m'ghandhiex taqa' comb fuq l-iskappatoja tad-dubju, imma ghandha tezamina bl-akbar reqqa jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra,anke fuq il-bilanc tal-probabilita` u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawza civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant … … . Anzi, f'kazijiet bhal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn versjoni u ohra, aktar tidher il-possibilita` tal-qerq da parti ta' xi wiehed mill-kontendenti." '***Carmelo Farrugia vs Rokku Farrugia**', deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Imhallef M. Caruana Curran) fl-24 ta' Novembru 1966.

Illi f'din il-kawza il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg versjonijiet tal-fatti li huma ftit jew wisq kontrastanti. L-attur jghid li l-konvenut aggredih waqt li kien sejjer ghax-xoghol, hebb ghalih, aggredih u qaccatlu l-arlogg li kien liebes. Michela Bianco xhud tal-attur tikkollobora din il-versjoni ghalkemm mhux fid-dettal taghha u talvolta kienet ukoll inkonsistenti f'dak li qalet. Ghaliex f'hin minnhom fis-seduta tat-22 ta' Settembru 2011 tghid ex admissis li "*kif l-attur dahal fil-lift, hi ndunat li kien hemm il-konvenut jigri warajh lejn il-lift. Is-Sur Vella qabez fuq is-Sur Engerer u beda jaghtih bil-ponn u jinsultah u uza kliem oxxen*" pero' in kontro-

ezami tghid "*li l-konvenut ta lill-attur diversi daqqiet ta' ponn u tefghu min-naha ghall-ohra tal-lift*". Ftit wara tghid "*l-incident gara barra l-lift ghal gol-lift. L-incident sehh barra l-lift, fuq l-indana. Rat l-incident minn gewwa l-lift...*". Tghid ukoll meta xehdet fil-15 ta' Frar 2012 in ezami li "*waqt il-glieda rat l-arlogg jaqa' minn id l-attur"* pero' fl-affidavit taghha tghid "*li rat lill-konvenut iqaccat l-arlogg tal-attur".* Illi ghalhekk din ix-xhud ma hix wisq konsistenti f'dak li tghid meta tigi ghad-dettall.

Il-konvenut min-naha l-ohra jghid li huwa mar ikellem lill-attur sabiex isaqsih kif kien baqa' fuq kwistjoni antecidenti meta xi hadd kien dahal go fih waqt li kien ipparkjat fil-parking taghhom u dan hadu hazin u mar ikelmu sabiex jara 'l ghala kien hadu hekk u gew fl-idejn. Jichad li kien kisser l-arlogg tal-attur pero' dwar il-feriti li subixxa l-attur kif riskontrati fic-certifikat mediku ma jghid xejn. Alexander Agius jghid li "*Eligio u Thomas, bdew jimbuttaw lil xulxin. Fl-ebda hin ma taw bil-ponn, gew fl-idejn biss kienu faccata ta' xulxin.*" Jghid ukoll in kuntrast ma' dak li qalet Michela Bianco li "*cahad li l-arlogg carratulu l-konvenut jew li tah bil-ponn u li kellu xi jghid mieghu. Cahad ukoll li l-konvenut sabbtu fil-lift minn naha ghall-ohra ghax kien hemm mara fil-lift u ma kienx hemm bizzejjed hin biex jigri dan*".

Illi ghalhekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg versjonijiet ta' dak li effettivament gara. Zgur pero' li kien il-konvenut li mar ikellem lill-attur li kien sejjer ghax-xoghol, zgur li l-kontendenti f'xi hin gew fl-idejn u li l-arlogg tal-attur spicca mal-art u spicca danneggjat u zgur li l-attur spicca ferut kif iddeskriva it-tabib fic-certifikat mediku. Illi minn ezami tac-certifikat mediku li hemm esebit fl-atti jirrizulta li l-attur sofra xi griehi dakinhar tal-incident u cioe' fit-22 ta' Jannar 2010 kif hemm deskritti minn Dr. Anton Bugeja u li t-tabib ra dawn il-griehi ghall habta tad- 9.47 a.m. ftit mumenti wara l-incident u ghalhekk zgur li kien hemm xi forma ta' aggressjoni fuq il-persuna ta' l-attur u li jahti ghaliha l-konvenut, pero' l-attur mhux qed jikkjama danni fuq persuntu izda dawk limitati ghal hsara fuq l-arlogg Bulgari.

Id-domanda, pero', li tinteressa l-Qorti hija din: ghal dan kollu, il-konvenut ikkontribwixxa? Biex persuna tinstab responsabbli ghad-danni, mhux necessarju li l-agir taghha tkun l-unika kawza tad-danni reklamat; anke jekk, b'xi mod, ikkontribwiet bin-negligenza taghha ghall-hsara, ma tistax tahrab mir-responsabbilta' (ara Kollez. Vol.XXXIV.II.581). Kull persuna, ovvjament, trid twiegeb ghall-ghemil taghha, u mhux responsabbli ghall-agir negligenti u traskurat ta' haddiehor. Jekk il-konvenut, fi kliem iehor, agixxa *in buona fede*, pero' sussegwentement irrabja u sahan u aggredixxa lill-attur, allura independentement ghall-ghemil originali genwin tieghu, huwa xorta jrid jaghmel tajjeb ghall-hsara li kkaguna. Anke jekk kellu jirrizulta li l-konvenut kien negligenti, "*mhux bizzejjed li tigi konstatata l-htija, imma hu mehtieg ukoll li jigi stabbilit li dik il-htija kkagunat dannu attwali u valutabbli u pruvat b'mod cert*." (Kollaz. Vol. XLVI.I.477). Kwindi, il-mod ta' kif agixxa l-attur ghandha certa rilevanza, sabiex jigi stabbilit in-ness ta' kawzalita' bejn l-agir tieghu u r-rizultat ahhari. (Kollez. Vol. XL.II.815)

Illi ghalhekk hija il-fehma tal-Qorti li l-konvenut ghandu jinzamm responsabbli ghall-ghemil tieghu u cioe' li ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Thomas Engerer pero' ai fini ta' dawn id-danni l-attur ma pprezenta l-ebda talba.

Dwar id-danni li jikkoncernaw l-arlogg din il-Qorti dehrilha li kellha tinnomina Espert Tekniku sabiex jezamina dan l-arlogg bil-ghan li jistabbilixxi jekk il-hsara li kellu dan l-arlogg jissewwiex, kemm tqum biex tissewwa l-hsara, jekk hemm, u in oltre jekk tal-hsara hix kompatibbli mal-incident li sehh bejn il-kontendenti u li ghalhekk in fine jekk ghandux jaghmel tajjeb ghal dawn il-hsarat il-konvenut.

Din il-Qorti tghid li konsiderazzjonijiet u konsegwenti konkluzjonijiet ta' natura teknika ta' perit mahtur mill-Qorti bhal dawk li saru fil-kaz tal-lum jikkostitwixxu prova ferm importanti ghall-gudikant biex ikun jista' jasal ghad-decizjoni tieghu.

Dwar il-konkluzjonijiet ta’ Espert Tekniku, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tad-19 ta’ Novembru 2001 fil-kawza **“Calleja vs Mifsud”** irriteniet li:

*“Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta' fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero', huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikors ta' l-appell illi l-mertu tal-prezenti istanza kien kollu kemm hu wiehed ta' natura teknika li ma setghax jigi epurat u deciz mill-Qorti minghajr l-assistenza ta' espert in materja. B'danakollu dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex thares b'lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex tezita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx wahda sodisfacentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konkluzjoni ma kenitx sewwa tirrizolvi l-kwezit ta' natura teknika”.*

Dan l-insenjament huwa rilevanti u japplika ghall-kaz tal-lum. Ghalkemm ir-relazzjoni tal-Perit Tekniku kienet grosso modo sfavorevoli ghall-attur, dan ghazel li ma jressaqx talba ghall-hatra ta’ periti teknici addizzjonali u llimita ruhu li sempliciment jeskuti lill-perit tekniku.

Fis-sentenza taghha moghtija fil-25 ta’ Settembru 2003 fil-kawza “**<u>Grech et vs Grech et</u>” –** il-Prim’Awla tal-Qorti Civili diversament presjeduta rriteniet:

*“Bil-ligi u b'harsien tal-massima dictum “expertorum numquam transit in rem judicatam” il-Qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet tar-rapport tal-perit mahtur minnha kontra l-konvinciment taghha nfisha. Imma l-fehmiet ta' perit mahtur minn qorti u maghmula f'rapport imressaq minnu m'humiex semplicement opinjonijiet izda jikkostitwixxu prova ta' fatt, specjalment f'oqsma fejn il-hatra tkun dwar hwejjeg teknici. Fehmiet bhal dawk*

*m'ghandhomx, l-aktar fejn parti ma tkunx irrikorriet ghall-hatra ta' periti addizzjonali, tigi mwarrba kif gieb u lahaq, sakemm ma jkunx jidher sodisfacentement li tali fehmiet huma, fil-kumpless kollu tac-cirkostanzi, irragonevoli."* (ara wkoll – **"Bugeja et vs Muscat"** – Appell Kummercjali –23 ta' Gunju 1967).

Ir-rigett minn Qorti ta` l-opinjonijiet ta` perit tekniku ma jistax isir '*b' mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha* (u cioe` ta` loti) *trid tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravement ipoggu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b`ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta` l-aspett tekniku tal-materja taht ezami.'* ("**Grima vs Mamo et noe" –** Qorti tal-Appell – 29 ta' Mejju 1998)**.**

Ghalhekk 'in fin dei conti` 'Q*orti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta` tali relazzjoni ma kinetx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku.'* ("**Cauchi vs Mercieca" –** Qorti tal-Appell – 6 ta' Ottubru 1999 **; "Saliba vs Farrugia**" – Qorti tal-Appell – 28 ta' Jannar 2000 u "**Calleja noe vs Mifsud**" – Qorti tal-Appell – 19 ta` Novembru 2001).

Din il-Qorti tghid li l-mertu tal-kawza tal-lum huwa principalment impernjat fuq konsiderazzjonijiet teknici. In partikolari, sabiex hejja r-rapport tieghu, il-Perit Tekniku ezamina l-arlogg u sahansitra anke kiteb barra minn Malta u ghamel kuntatt mal-hanut ma fejn inxara dan l-istess arlogg.

Il-Perit Tekniku fisser fid-dettall ir-ragunijiet li wasslu ghall-konkluzjonijiet tieghu. Din il-Qorti tqis ragonevoli u ben sostnuti l-osservazzjonijiet tal-perit tekniku u l-konkluzjonijiet tieghu. Ghaldaqstant, anke wara li tat il-konsiderazzjoni dovuta lis-sottomissjonijiet tal-partijiet u lill-espert ex-parte prodott mill-attur, din il-Qorti ma ssibx ragunijiet fondati ghaliex ghandha tiddiskosta ruhha mill-konkluzjonijiet peritali.

Ghalhekk tghid li dawk il-konkluzjonijiet jimmeritaw li jkunu ben akkolti anke ghaliex kif qalet il-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Frar 2001 fil-kawza **'<u>Camilleri noe vs Debattista</u>' – "***ikun pruzuntuz ghall-gudikant illi jiddipartixxi bla raguni verament valida mir-relazzjoni teknika. Dan mhux biss ghax ma kellux il-mezzi ghad-disposizzjoni tieghu biex serenament jinoltra ruhu fl-aspetti teknici tal-mertu, imam wkoll ghaliex necessarjament tkun tonqsu dik il-konoxxenza mehtiega biex, b'mod kritiku, jasal ghal konvinciment divers minn dak li jkun wasal ghalih l-espert nominat minnu."*

Fil-kaz in ezami l-Espert ikkonkluda li l-hsara li dan l-arlogg ghandu huwa limitat ghall-*case* u fic-cinga liema hsara ahharija fic-cinga hi dovuta lil *wear and tear* u ghalhekk zgur li ma jistax jahti ghal dan l-konvenut. Fil-fatt l-espert Sandro Azzopardi jghid ex admisses "*Fl-opinjoni tieghi, huwa kagun illi c-cinga tal-gilda ma kienx gie mibdul meta diga' kellu hafna 'wear and tear' probabli ferm qabel l-incident kien sehh. Li kieku kien gdid, kien jigi maqtugh mil-'pin' li jzomm ic-cinga mal-arlogg jew il-bokkla u mhux mill-post minn fejn gie maqtugh. Ghaldaqstant, ic-cinga kienet ser tinqata' kwalinkwa hin anke bl-icken skoss".* Ghalhekk fid-dawl ta' din ix-xhieda din il-Qorti ma jidhriliex li ghandha tordna lill-konvenut sabiex jaghmel tajjeb ghaliha pero' dwar il-hsara tal-casing, l-Espert ma jghid xejn kemm tiswa biex tirranga. Jispjega biss fejn hemm il-hsara u cioe' f'dik il-parti ftit il-fuq mill-'lugs', li huma z-zewg partijiet ta' fuq li jzommu l-istrap mal-arlogg. L-Espert ikkonferma li l-arlogg in kwistjoni kellu xi mpatt. Spjega li l-hsara tista' tkun kemm b'waqgha, kif ukoll b'rifsa jew daqqa ta' gebla minn xi hadd. Pero' ma tistax tkun kwistjoni ta' *wear and tear*. Ghalhekk ghal din il-hsara ghandu jwiegeb l-konvenut u stante li l-Espert ma llikwidax l-ammont, din il-Qorti *arbitrio boni viri* qed tistma din il-hsara fl-ammont ta' tlett mija u hamsin Ewro (€350).

**Ghalhekk, din il-Qorti qieghda tilqa' it-talba tal-attur pero' f'ammont ridott u cioe' fis-somma ta' tlett mija u hamsin Ewro (€350) u konsegwentement filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, qieghda tilqa' t-**

**talba attrici fl-ammont ta' tlett mija u hamsin Ewro (€350) u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur din is-somma hekk likwidata minnha.**

**L-ispejjez ta' din il-kawza jithalsu mill-konvenut u l-imghax jiddekorru mid-data tas-sentenza odjerna.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------